MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 406/2011

**Appell Nru. 406/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Malcolm Bondin)**
**(Spt. Chris Pullicino)**
**Vs**
**Kevin Chircop**
**Omissis**

**Illum 6 ta' Dicembru, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 194292M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
**1) kontra Kevin Chricop wahdu:**

i) fil- lejl ta' bejn il 15 u is-16 ta' Gunju 2011 minn triq santa rita, San Giljan ikkometta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwlifikat bil- valur li

jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro) u bil- hin ghad dannu ta Laura Agudo Molano u/jew xi nies ohra;

ii) Talli fil- lejl ta’ bejn it- 28 u d-29 ta’ Gunju 2011 mix- xatt ta’ San Gorg, San Giljan ikommetta serq ta’ diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil- vjolenza, bil- valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu ta’ ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u seghba u tletin centezmu tal-ewro (2329.37 ewro) u bil-hin ghad dannu ta’ Ana Carolina Rincon Da Sliva u/jew xi nies ohra;

iii) Talli fil-lejl ta’ bejn it 2 u 3 ta’ Lulju 2011 mit- Triq il-Bajja ta’San Gorg, San Giljan ikkometta serq ta’ diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin ghad dannu ta’ Dolores Mifsud u/jew xi nies ohra;

iv) U aktar talli nhar il-11 ta’ Lulju 2011 mill kamra numru 8064, La Vallette Hotel, Triq id-Dragonara, San Giljan ikommetta serq ta diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-lok ghad dannu ta’ louise Kongstad Wulff u/jew persuna/i ohra;

v) U aktar talli nhar id-9 ta’ Lulju 2011 minn kamra numru 8030, La Vallette Resort, Triq id-Dragonara, San Giljan ikommetta serq ta’ diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal – ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centenzmu tal-ewro (2329.37 ewro) u bil-lok ghad dannu ta’ Eduardo Nunez Vazquez u/jew persuna /I ohra;

vi) Talli fil-lejl ta’ bejn it 12 u 13 ta’ Lulju 2011 minn Triq Santu Wistin, San Giljan ikommetta serq ta’ diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal ewro (232.90 ewro) izda ma jiskorrix

l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal ewro (2329.37ewro) u bil-hin ghad dannu ta’ Ann Katharin Lang u/jew xi nies ohra;

vii) U aktar talli nhar it-13 ta’ Lulju 2011 mill kamra numru 8005, La Vallette Resort, Triq id-Dragonara, San Giljan ikommetta serq ta’diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil- mezz, bil-valur li jeccedi l mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal – ewro (232.93 ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal ewro (2329.37 ewro) u bil-lok ghad dannu ta’ Raquel San Martin u/jew persuna/I ohra;

viii) U aktar talli nhar il- 15 ta’ Lulju 2011 minn kamra gewwa La Vallette Resort, Triq id-Dragonara, San Giljan ikommetta serq ta’ diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil- lok ghad dannu ta’ Andres Cantero Martinex u/jew persuna/i ohra;

ix) U aktar talli nhar it-17 ta’ Lulju 2011 mill kamra numru 8013, St. George’s Park, Triq id-Dragonara, San Giljan ikommetta serq ta’diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil- mezz, bil-lok ghad dannu ta’ Cristina Naranjo Gonzalez Blanco u/jew persuna/I ohra;

x) U aktar talli nhar it-17 ta’ Lulju 2011 mill kamra numru 4014, La Vallette Resort, Triq id-Dragonara, San Giljan ikommetta serq ta’diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil- mezz, bil-lok ghad dannu ta’Manuela Veronica Dall’Occo u/jew persuna/I ohra;

xi) U aktar talli nhar it-19 ta’ Lulju 2011 mill kamra numru 7054, La Vallette Resort, Triq id-Dragonara, San Giljan ikommetta serq ta’diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil- mezz, bil-valur li jeccedi l mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal – ewro (232.93 ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal ewro (2329.37 ewro) u bil-lok ghad dannu ta’ Zoltan Juhasz u/jew persuna/I ohra;

xii) U aktar talli nhar it-19 ta' Lulju 2011 mill kamra numru 466, St. Georges Park, Triq id-Dragonara, San Giljan ikommetta serq ta'diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil- mezz, bil-valur li jeccedi l mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal – ewro (232.93 ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal ewro (2329.37 ewro) u bil-lok ghad dannu ta' Cristina Camarero Aisa u/jew persuna/I ohra;

xiii) U aktar bejn il-lejl tal-15 u 16 ta' Lulju 2011 minn kamra gewwa La Vallette Resort, Triq id-Dragonara San Giljan ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-lok ghad dannu ta' Clara Simonetti u/jew persuna/i ohra

xiv) U aktar talli nhar is-26ta' Lulju 2011 minn kamra numru 238 gewwa La Vallette Resort, Triq id-Dragonara San Giljan ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-valur li jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal – ewro (232.93 ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal- ewro (2329.37 ewro) u bil-lok ghad dannu ta'Sofia Messina u/jew persuna/i ohra.

xv) U aktar talli nhar is-25 ta' Lulju 2011 minn kamra numru 5071 gewwa La Vallette Resort, Triq id-Dragonara San Giljan ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-lok ghad dannu ta' Jamin Laurie u/jew persuna/i ohra;

xvi) U aktar bejn il-lejl ta'bejn id-29 u 30 ta' Lulju 2011 minn kamra numru 5071, La Vallette Resort, Triq id-Dragonara San Giljan ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-lok ghad dannu ta' Natacha Lea Gaelle u/jew persuna/i ohra;

xvii) U aktar talli fid-29 ta' Lulju 2011 minn kamra numru 8039, La Vallette Resort, Triq id-Dragonara San

Giljan ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-valur li jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal – ewro (232.93 ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal- ewro (2329.37 ewro) u bil-lok ghad dannu ta' Lisa Quintana u/jew persuna/i ohra.

xviii) U aktar talli nhar is- 6 t'Awwissu 2011 minn kamra numru 9009, La Vallette Resort, Triq id-Dragonara San Giljan ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-lok ghad dannu ta' Alejandro Molero Salvatierra u/jew persuna/i ohra;

xix) U aktar talli nhar is- 8 t'Awwissu 2011 minn kamra numru 6072, La Vallette Resort, Triq id-Dragonara San Giljan ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-lok ghad dannu ta' Vera Meuleman u/jew persuna/i ohra;

xx) U aktar talli nhar is- 8 t'Awwissu 2011 minn kamra numru 5062, La Vallette Resort, Triq id-Dragonara San Giljan ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-lok ghad dannu ta' Charline Aurelie Deneufve u/jew persuna/i ohra;

xxi) U aktar talli nhar is- 9 t'Awwissu 2011 minn kamra numru 5070, La Vallette Resort, Triq id-Dragonara San Giljan ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-lok ghad dannu ta' Vey Madysson u/jew persuna/i ohra;

xxii) U aktar talli fis- 7 t'Awwissu 2011 minn kamra numru 6022 La Vallette Resort, Triq id-Dragonara San Giljan ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-valur li jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal – ewro (232.93 ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin

centezmu tal- ewro (2329.37 ewro) u bil-lok ghad dannu ta' Vey Madysson u/jew persuna/i ohra.

xxiii) Aktar talli fl-istess dati, hijiet, lokijiet u cirkostanzi, kiser il- provedimenti ta' l artiklu 22 tal- kap 446 tal- ligijiet ta' Malta ta' sentenza datata 28 ta' Lulju 2010 fejn gie misjub hati ta' reat u liberat bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena;

**Lil Kevin Chircop u Omissis flimkien talli:**

xxiv) Nhar il- 25 ta' Gunju 2011 ghal habta tat- 3am gewwa Escape, Triq San Gorg San Giljan, ikkomettew serq ta diversi oggetti minn fuq il- persuna ta' Ilbrahim Chaharou, liema serq huwa aggravat bil- vjolenza u bil-hin;

xxv) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkagunaw ferita ta natura hafifa fuq il persuna ta' Ibrahim Chaharou, skond kif iccertifika Dr. S. Camilleri MD;

**Lil Omissis wahdu:**

xxvi) Talli Fix-xahar ta' Gunju 2011 bil- lejl gewwa Triq San Gorg, San Giljan , flimkien ma persuna/i ohra ikkomettew serq ta' diversi oggetti fuq persuna mhux maghrufa, liema serq huwa aggravat bil-hin;

xxvii) U aktar talli fil-bidu ta' Lulju 2011 gewwa Hotel Alfons, Triq il- Qaliet, San Giljan, ikommetta serq ta' mobile tad-ditta Black Berry ghad- dannu ta' persuna/i mhux maghrufa, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-lok.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Settembru, 2011, li biha, fuq ammissjoni, wara li rat l-artikoli 261(a)(b)(c)(e)(f), 262(a)(b), 264, 267, 269, 274(c), 279(a), 277(b), 18 u 31 tal-Kap. 9 u l-artikoli 11, 18, 7 u 22 tal-Kap. 446 iddecidiet li tpoggi lill-appellat taht "combination order" kif provdut fl-artikolu 18 tal-Kap. 446 b'dan li tistabilixxi fil-konfront ta' l-appellat Kevin Chircop numru ta' mitt siegha bhala sighat ta' xoghol u erbghin siegha ta' xoghol fil-konfront ta'

omissis u poggithom taht harsien ta’ ufficjal ta’ probation ghal zmien ta’ tlett snin.
Skond kif iffisser fil-verbal tat-22 ta’ Settembru, 2011 spjegat lill-imputati skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-18 ta’ Ottubru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi :
a. tikkonfermaha fil-konfront ta’ omissis;
b. tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat Kevin Chircop hati tal-akkuza migjuba kontrih u
c. tirrevokaha u thassaraha f’dik il-parti fejn ikkundannat lil Kevin Chircop ghal combination order ai termini tal-artikolu 18 tal-Kap. 446, u fejn stabbiliet fil-konfront tal-appellat Kevin Chircop numru ta’ mitt siegha bhala sieghat ta’ xoghol u fejn poggietu taht harsien ta’ ufficjal tal-probation ghal zmien ta’ tlett snin u
d. minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti kkundannat lil Kevin Chircop ghal combination order ai termini tal-artikolu 18 tal-Kap 446, u fejn stabbiliet fil-konfront tal-appellat Kevin Chircop numru ta’ mitt siegha bhala sieghat ta’ xoghol u fejn poggietu taht harsien ta’ ufficjal tal-probation ghal zmien ta’ tlett snin.

Meta wiehed iqis li l-appellat Kevin Chircop ammetta l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu fosthom l-akkuza numru xxiii, jigifieri talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, kiser il-provedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ta’ sentenza datata 28 ta’ Lulju, 2010 fejn gie misjub hati ta’ reat u liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena, wiehed jara li l-imputat ma setghax jinghata sanzjoni komunitarja u dan ghaliex din is-sanzjoni hija espressament prekluza mill-ligi

Illi l-artikolu 23(2) tal-Kap. 446 jipprovdi li :-

*(2) Bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tigi ttrattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht probation b'ordni ta' servizz fil-komunita`, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun giet kondizzjonalment liberata, jew il-Qorti ma tkunx tista` tqieghed lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1).*

Illi l-artikolu 2 tal-Kap. 446 jistabilixxi li "sanzjoni komunitarja" tfisser ordni ta' probation, ordni ta' servizz fil-komunita` jew ordni ta' probation u servizz......."

Ghalhekk fl-umli fehma tal-esponent, il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kellha tkun wahda ta' prigunerija effettiva. Illi dan anke tenut kont tal-fatt li l-Qorti ghandha titratta mal-hati ghal dak ir-reat li dwaru kienet saret l-ordni ghall-liberazzjoni kondizzjonata, liema reat kien dak kontemplat fl-artikolu 319 tal-Kodici Kriminali, hekk kif jirrizulta mill-fedina penali tal-imputat. Illi dan ir-reat huwa reat ta' natura sejra u ghalkemm il-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta' Lulju, 2010 kienet ferm klementi mal-imputat u taghtu opportunita` jirriforma ruhu jidher li l-istess imputat ma tghallimx.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-prova illi bejn Gunju u Awwissu tal-elfejn u hdax (2011) saru numru ta' serqiet gewwa Paceville. Wara investigazzjonijiet tal-pulizija waslu ghall-appellant Kevin Chircop li wettaq sensila ta' hamsa u ghoxrin (25) serqa minn diversi postijiet. F'Gunju tal-elfejn u hdax (2011) Kevin Chircop flimkien ma' Cyrus Danlo wettqu serqa gewwa l-SK f'San Giljan u kkagunaw ukoll ferita hafifa fuq persuna ta' nazzjonalità barranija Ibrahim Chaharou.

Sussegwentement tressqu l-Qorti in konnessjoni ma' dawn is-serqiet. Fl-ewwel seduta tal-Qorti tal-hamsa u ghoxrin (25) ta'Awwissu tal-elfejn u hdax (2011) waqt l-ezami bla gurament, l-imputati Kevin Chircop u Cyrus Danlo wiegbu illi huma hatja skont l-akkuzi kollha dedotti kontrihom. L-ewwel Qorti staqsiet lill-imputati jekk

jaccettawx illi jaghmlu servizz fil-komunità u rrispondew fl-affermattiv. Il-Qorti hatret ufficcjal tal-probation sabiex jaraw jekk humiex idoneu u possibilment ihejju r-rapport taghhom. L-imputati ikkonfermaw l-ammissjoni taghhom waqt is-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Settembru tal-elfejn u hdax (2011) qabel ma l-Qorti ghaddiet biex taghti s-sentenza. Kif provdut fl-artikolu 18 tal-Kap. 446 imponiet combination order b’numru ta’ sieghat ta’ xoghol ghall-komunità u poggiethom taht il-harsien tal-ufficcjal tal-probation.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza peress illi tali combination order ai termini tal-artikolu 18 tal-Kap. 446 ma setghetx issir fil-konfront tal-appellat Kevin Chircop peress illi huwa kiser il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza datata tmienja u ghoxrin (28) ta’ Lulju tal-elfejn u ghaxra (2010) fejn gie misjub hati ta’ reat u liberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti jidhrilha illi l-Avukat Generali ghandu ragun fl-appell tieghu. L-artikolu 23(2) tal-Kap. 446 jipprovdi li meta persuna tkun tqieghdet taht probation jew giet kondizzjonalment liberata ma tkunx tista’ titqieghed taht sanzjoni komunitarja. Dan l-artikolu huwa car u ma jaghtix lok ghal interpretazzjoni. L-ewwel Qorti ma setghetx tikkundanna lill-appellat Kevin Chircop ghal servizz komunitarju u terminu ta’ prigunerija effettiva kellha tkun tassattiva.

L-appellat tella’ in difesa il-Probation Officer Joseph Mizzi illi qal illi l-appellat kien miexi tajjeb u attenda ghall-appuntamenti kollha. Saru erba’ (4) urine tests, kienu kollha fin-negattiv, ghandu impjieg regolari u wkoll l-appogg tal-familja.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ta’ spiss issib ruhha f’din is-sitwazzjoni konflingenti – min-naha wahda ghandek is-serjetà tar-reat u min-naha

l-ohra persuna li tkun qed taghmel sforz biex tohrog mill-problemi illi ghandha. Ma hemmx dubbju illi l-appellat jaghmel sew illi jipprova jfittex it-triq it-tajba u jiehu l-ghajnuna sabiex jasal fejn ghandu jasal jekk ma jistax jaghmel hekk wahdu. Però, min-naha l-ohra, il-Qorti lanqas ma tista’ tiskarta l-fatt illi l-appellat inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu u ma tax kas u issa jippretendi illi l-Qorti tkun hanina mieghu. F’din is-sitwazzjoni l-Qorti ma tarax illi ghandha taghmel hekk, aktar u aktar meta hija l-ligi stess illi tipprojbixxi illi l-appellat jinghata xi terminu ta’ xi servizz komunitajru jew inkella xi forma ohra ta’ piena oltre dik ta’ prigunerija. Madanakollu tawgura illi l-appellat ikompli fit-triq it-tajba, ifittex l-ghajnuna li hemm bzonn halli darba skontata din il-piena ma jergax jikser difru mal-ligi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fil-konfront ta’ Cyrus Dallo, tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat Kevin Chircop hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, u tirrevokaha u thassarha f’dik il-parti fejn ikkundannat lil Kevin Chircop ghal combination order ai termini tal-18 tal-Kap. 446 u fejn stabbiliet fil-konfront tieghu numru ta’ mitt (100) siegha bhala sieghat ta’ xoghol u fejn poggietu taht harsien ta’ ufficcjal tal-probation ghal zmien ta’ tlett (3) snin u minflok tikkundannah ghall-piena ta’ prigunerija effettiva ghal zmien sitt (6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------